# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MARIO MALLIA (KI. 19998M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28/09/2021**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **MARIO MALLIA (19998M)** Vettura: **IBB227 TOYOTA**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar id-09/06/2020 ghal habta ta` 23:13hrs**

Post: **TRIQ IT- TLETT IBLIET** Lokalita': **BORMLA**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PC 307 Alessandro Vella (affidavit) u PS 1340 Antonio Bellizzi (affidavit).

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

Il-Prosekuzzjoni rtirat din l-ewwel imputazzjoni fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2021.

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

L-imputat irreġistra ammissjoni għat-tieni imputazzjoni u kkonfermaha wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu sabiex jerġa jaħsibha.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti ssibu ħati tal-unika imputazzjoni li fadal (ossia t-tieni imputazzjoni - Kap. 65, Art. 15(1)(a)) fuq ammissjoni tiegħu stess u tikkundannah jħallas multa ta' mitt euro (€100). B'żieda mal-piena l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |